MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 1600/2005

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 5 ta' Gunju 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 1600/05ISB**

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**Vs**

**Alfred Fabri (I.D. 572754M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Lulju 2005, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm629.19), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax kummercjali u bl-ispejjes inkluzi Lm11.50 ta' l-ittra ufficjali tas-16 ta' Gunju 2004.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-korporazzjoni attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-23 ta' Mejju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-korporazzjoni attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' sitt mija u disgha u ghoxrin Liri Maltin u dsatax-il centezmu (Lm629.19), bl-ispejjez kollha u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------